MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 12/2013

**Appell Numru: 12/2013**

Il-Pulizija
(Supt. Raymond Zammit)
vs
**Carmelo (Carmelo Antonio) Bianco**
iben Joseph, imwieled Birkirkara, fil-25 ta’ Jannar, 1968, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 44368(M)

Illum, 30 ta’ Jannar, 2014
Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmelo (Carmelo Antonio) Bianco, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-21.11.2001, u matul ix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, u cioe’:
Talli ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi jew helsien falz minn obbligi,

jew billi dahhal dawn il-pattijiet, obbligi, disposizzjonijiet jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza;
Talli ghamel falsifikazzjoni ohra, u xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat;
Talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi nqeda b'qerq iehor, jew ingann, ghamel qliegh bil-hsara tal-Gvern ta' Malta;
Talli f'Birkirkara, fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala direttur tal-Western Company Limited, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, fetah jew zamm hanut ghax-xoghol (dealer tal-karozzi) jew hadem jew sengha, illi setghu jdejqu lill-girien;
Talli f'Birkirkara fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala direttur tal-Western Company Limited, fetah u zamm hanut ghall-bejgh tal-karozzi u ezercita l-istess mistier minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
Talli bhala sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAO 384, naqas milli jara u jiehu hsieb illi l-istess vettura tkun dejjem u kull hin b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
Talli bhala l-persuna li kellu taht il-kontroll tieghu il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBC 352, naqas milli jzomm il-licenzja tal-vettura l-hin kollu fi stat li l-kontenut taghha jinqara facilment;
Talli kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fl-20.06.2001, skont l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' sitt xhur.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Jannar, 2013 fejn il-Qorti sabet htija ai termini tal-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ghall-uzu ta' dokument falz, anke ghax bla dubju ta' xejn il-qerq u l-falsita' tad-dokumenti RZ u RZ1, ma jistghu qatt ikunu in kontestazzjoni. Daqstant sabet htija in kwantu ghall-istat li fiha kienet tinstab il-licenzja Dok RZ1, u dan wara li rat LS65.11 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illiberatu mill-kumplament tal-akkuzi lilu addebitati taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ma jirrizultawx, u taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta (vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAO384) in kwantu mhux pruvata.
Rat ukoll is-sentenza ezebita a folio 88, Dok MB, u sabet ksur taht il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dwar il-piena, ikkundannat lill-imputat ghal multa ta' €233; u illiberatu taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmelo (Carmelo Antonio) Bianco minnu pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tilqa dan l-appell u **tirriforma** s-sentenza appellata kif gej (a) tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati (ta diversi akkuzi) u minnhom illiberatu (b) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati li ghamel uzu minn dokument falz u li ma zammx il-licenzja fi stat skont il-ligi u konsegwentement tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah kompletament skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-
(1) Illi minn qari akkurat tas-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti jirrizulta li l-esponent instab hati tal-imputazzjoni li tikkontempla l-uzu ta' dokument falz. U allura dan huwa f'dan ir-rigward li l-esponent ser jissottometti r-ragunijiet ghaliex ihoss li gie aggravat.
Illi l-esponent umilment jissottometti li l-provi kif rizultanti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghu qatt iwasslu ghas-sejbien tal-htija dwar l-uzu ta' dokument falz. Minkejja li l-esponent qatt ma kkontesta l-fatt li d-dokumenti RZ u RZ1 setghu kienu mittiefsa, dejjem cahad kwalunkwe involvement tieghu ma l-istess. Apparti din ic-cahda ta' l-esponent, hemm mankanti fil-process, dik il-prova, imqar wahda u idonea, li b'xi mod torbtu mar-reat addebitat u cioe' li hu ghamel uzu minn dokument falz.
Illi dan kollu qed jinghad bir-rispett peress illi c-cirkostanzi li fihom instabu dawn iz-zewg dokumenti ma setghu qatt jippuntaw biss u esklussivament lejn dak li tikkontempla l-ligi u cioe l-uzu tad-dokument. L-ewwel Onorabbli Qorti

stabbiliet li l-esponent kellhu l-pussess tal-vetturi u tad-dokumenti de quo. A bazi ta' dan, l-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li allura l-esponent, bhala konsegwenza, ghandu jinstab hati ta' li ghamel uzu minn tali dokumenti. Illi huwa hawnhekk fejn l-esponent ihossu li gie aggravat. Sfortunatament jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti ekwiparat l-fatt li l-esponent (setgha) kien fil-pussess tad-dokument/i mittiefsa mal-fatt tal-uzu ta' l-istess. Dan ma hux dak li qed tghid il-ligi. Il-ligi titkellem dwar uzu u mhux semplicement pussess.
Illi l-esponent spjega kif huwa gabar l-vettura de quo meta sar jaf li kienet abbandunata. U spjega wkoll li huwa ttowjaha ghax ma kellux cavetta (peress li huwa kien biegh tali vettura). Spjega illi l-vettura tpoggiet gewwa Birkirkara u li meta gie avvicinat mill-pulizija, huwa qalilhom li ma kellux x'jaqsam ma tali vettura ghar-ragunijiet gja esposti. Huwa qatt ma kien ha r-responsabbitita ta' dak li kien go fiha, aktar u aktar meta ma kellux cavetta ta' l-istess. Dan kollu ifisser illi jekk in pessima ipotezi, l-esponent kelu jkun responsabbli mill-pussess tal-vettura u ta' dak kollu li kien jinsab gewwa fiha, legalment xorta wahda ma setghax jinghad li tali cirkostanzi kienu jimportaw prova skont il-ligi li huwa ghamel uzu minn dokument falz.
(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju t-tieni aggravju huwa car u manifest inkwantu l-esponent umilment jissottometti li huwa wkoll ma setghax jinstab hati taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ li huwa naqas milli jzomm il-licenzja fi stat tajjeb skont il-ligi.
Illi dan qed jigi sottomess stante r-ragunijiet diga' esposti fl-aggravju precedenti.
(3) Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, f’kaz li l-aggravji hawn fuq imqajma jigu akkolti, konsegwenzjalment l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghatx titratta ma' l-imputat dwar l-allegat ksur taht il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza m'ghandiex tigi applikata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ma setghatx issibu hati tal-uzu ta' dokumenti falsifikati billi hu ma kienx fil-pussess tal-vetturi msemmija. Jirrizulta mill-provi li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAE 802 (Dokument RZ) hi registrata fuq isem l-appellant. Ma hemm ebda dubju li tali licenzja hi wahda kontrafatta.

Dan il-fatt jirrizulta car anki vizwalment u ma hemm xejn iktar x'izzid dwar dan il-punt. Skont ix-xhieda tad-direttorat tat-trasport jirrizulta li l-licenzja skadiet f'April tas-sena 2000 u kienet ghada skaduta.
Illi mill-provi jirrizulta li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBC 352 hi registrata fuq Raphael Baldacchino. Il-licenzja skadiet f'April tas-sena tas-sena 2001 u tali licenzja hi mqatta fejn suppost jirrizulta s-sena. Skont l-appellant il-licenzja ta' din il-karozza hi mhallsa imma jekk anki dan hu veru jirrizulta car li l-licenzja ta' din il-vettura giet manomessa minhabba l-fatt li parti minnha hi mqatta.

Illi l-appellant jichad li ghamel uzu ta' dawn id-dokumenti u jikkontendi li ma hemm ebda prova li torbot lilu mar-reat li hu ghamel uzu minn dokument falz. Il-kontestazzjoni hi li ghalkemm l-appellant kellu l-pussess ta' dawn id-dokumenti hu ma ghamel ebda uzu minnhom. Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellant. L-uzu ta' dawn id-dokumenti jirrizulta mill-fatt li huma kienu mwahhla mal-'windscreen' tal-vetturi in kwistjoni. Ma hemm ebda htiega li d-dokument jigi uzat f'kuntest li jigi prezentat jew utilizzat fi kwalunkwe mod. F'dan il-kaz il-fatt li huma assocjati mal-vetturi hu bizzejjed. Dan hu l-uzu li trid il-ligi. Il-kwisjoni li l-appellant gabar il-vettura meta kienet abbandunat ma jfisser xejn fil-kuntest ta' dawn il-fatti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------